- *Artiklu 2160 tal-Kodiċi Ċivili*
- *Dritt tranżitorju dwar il-ġurament f'każi ta' preskrizzjonijiet brevi*
  - *Dritt sostantiv u dritt proċedurali*
- *lex non habet oculos retro*
- *Liġijiet proċedurali huma t'ordni pubbliku*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERĊIEĊA LL.D.

**Seduta tas-17 ta' Jannar, 2019.**

**Rikors Ġuramentat Nru 44/17GM**

Ballut Blocks Services Limited (C-8360)

-vs-

Bonnici Bros. Construction Limited (C-21406) u MDM Costruzioni Generali Srl, it-tnejn eżerċenti il-kummerċ flimkien bl-isem ta' "BM

Tunnel JV" u b'digriet tat-30 ta' Novembru 2017 l-isem Bonnici Bros. Construction Limited ġie mibdul għal Bonnici Bros. Contractors Limited

Il-Qorti,

Rat it-Talba Maħlufa tas-soċjeta` attriċi li permezz tiegħu qiegħdha titlob lil din il-Qorti tiddikjara li s-soċjetajiet konvenuti huma debituri solidali tagħha fl-ammont ta' €29,960.20, rappreżentanti ammont dovut, għal diversi servizzi reżi mis-soċjeta attriċi lil-konvenuti konsistenti f'kiri ta' makkinarju tal-kostruzzjoni u tikkundannhom iħallsu l-istess somma;

Rat it-Tweġiba Maħlufa ta' Bonnici Bros. Contractors Limited (C21406) f'isimha stess u għall-interess tagħha fil-konsorzju BM Tunnel JV ippreżentata fil-21 ta' Frar 2017[1] li eċċepiet illi:

1) it-talbiet attriċi huma hija preskritti bid-dekors tat-tmintax-il xahar ai termini tal-Art. 2148(f) tal-Kodiċi Ċivili;

2) fil-mertu, m'hemm l-ebda ammont dovut mill-esponenti lis-soċjetà rikorrenti stante li l-makkinarju li tiegħu qed tintalab il-kera ma kienx idoneju għall-użu minkejja l-interventi li għamlu fuqu impjegati tas-soċjetà rikorrenti, u għalhekk ma kienu ta' ebda utilità għall-esponenti;

Rat it-Tweġiba Maħlufa ta' MDM Construzioni Generali S.r.l ippreżentata fit-30 ta' Ġunju 2017[2] li eċċepiet illi:

[1] Fol 8

1) l-azzjoni hi preskritta *ex* Artiklu 2148(f) tal-Kodiċi Ċivili.
2) il-kuntratt xi xjolt *ex* 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jipprovdi li l-patt riżoluttiv taċitu iħoll il-kuntratt *ipso iure.*
3) il-makkinarju mikri ma kienx tajjeb għall-użu li għalih inkera;

Rat il-verbal tas-6 ta' Lulju 2017 li permezz tiegħu ordnat li ssir it-trattazzjoni u jekk ikun il-każ it-tressiq tal-provi dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' Bonnici Brothers Contractors Limited u l-ewwel eċċezzjoni ta' MDM Costruzioni Generali;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti, u l-atti kollha tal-każ;

**Ikkunsidrat:**

Illi s-soċjeta` attriċi tgħid illi hija kreditriċi fis-somma ta' €29,960.20 rappreżentanti kiri ta' makkinarju sabiex isir *xogħol ta' skavar ta' mini tal-ilma tax-xita*[3] u servizzi ta' *machine operator* lil kumpaniji konvenuti li kienu f'*joint venture* bejniethom. Wara li l-makkinarju in kwistjoni ttieħed biex jintuża' fil-mini, il-konvenuti jistqarru li ndunaw li ma kienx tajjeb għax-xogħol li riedu huma u għalhekk talbu lil attriċi sabiex terġa' tieħdu lura mingħajr ma ħallsu dak mitlub mill-attriċi. Il-konvenuti qajjmu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' kera ta' mobbli bid-dekors ta' tmintax-il xahar skont l-Artiklu 2148(f) tal-Kodiċi Ċivili;

[2] Fol 48
[3] Xhieda ta' David Bonnici a fol 66

Illi l-kiri tal-makkinarju in kwistjoni seħħ fix-xahar ta' Novembru 2013 bl-*invoice*[4] maħruġa fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Diċembru 2013 u l-*invoice* għal-kiri ta' *machine operator*[5] ħarġet fl-erbgħa (4) ta' Diċembru 2015. L-ittra uffiċċjali hija datata 12 ta' Ottubru 2016 pero` din ma ġietx esebita. Il-proċeduri odjerni infetħu fit-tlettax (13) ta' Jannar 2017;

Illi l-Perit David Bonniċi rappreżentant tal-kumpanija konvenuta Bonniċi Bros Construction Limited, li hu Perit u direttur tagħha, ġie mressaq bħala xhud tal-istess konvenuta fil-5 t'Ottubru 2017 u anke sarlu l-kontro-eżami[6]. Bonniċi xehed illi ma kien hemm xejn dovut fuq dak il-kiri ta' makkinarju. Waqt il-kontro-eżami tiegħu ġie mistoqsi jekk il-kumpanija Bonnici Bros Construction Limited ma ħallsitx għax il-magna qatt ma ħadmet u hu irrisponda '*<u>hekk hu</u> għax trid taħdem il-magna biex inħallsu mhux ħa tikri xi ħaġa li ma taħdimx u tħallas għaliha.*[7] Dwar l-*invoice* ta' kiri ta' servizzi ma seta jgħid xejn għax kienet ordnata mill-kumpanija konvenuta l-oħra u ċjoe` minn MDM Costruzioni Generali;

Illi fix-xhieda tal-konvenut l-ieħor tat-tletin (30) ta' Novembru 2017[8], Mario Murano li huwa d-direttur waħdieni tal-konvenuta MDM Costruzione Generali, jgħid illi xejn ma hu dovut mill-ħlas illi qed titlob l-attriċi u anke ta raġuni għalfejn. Xehed illi l-makkinarju li wasal ġewwa l-mini kien makkinarju antik ħafna u ma kienx adegwat għax ma kellux ir-rekwiziti minimi ta' sikurezza biex ikun jista jitħaddem f'ambjent li kien diversi metri taħt l-livell tal-baħar u għalhekk kien hemm preżenza ta' ilma flimkien mal-elettriku li seta' faċilment

---

[4] Invoice Number E2620 Dok DBA a fol 64
[5] Invoice Number E4060 Dok DBB a fol 65
[6] A fol 66
[7] Xhieda ta' David Bonnici a fol 74
[8] A fol 84

jikkawża mewt ta' xi ħaddiem. Rigward is-servizzi ta' *machine operator* jixhed illi ma jiftakarx li kien hemm tali fattura;

Illi fil-25 ta' Jannar 2018 xehed Paul Vella f'isem il-kumpannija attriċi;[9]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Bonniċi Bros Contractors Limited datata 28 ta' Ġunju 2018;

Rat in-nota ta' sottomissjonjiet responsiva ta' MDM Costruzioni Generali Srl datata 28 ta'Ġunju 2018;

Rat ir-replika ta' Ballut Blocks Limited datata 1 t'Ottubru 2018;

**Ikkunsidrat:**

Illi rigward il-partita tal-kiri ta' *machine operator*, din ma tinkwadrax ruħha fil-parametri ta' kera ta' ħwejjeġ mobbli billi ħaddiem ma jistax jitqies bħala tali u għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti mhix applikabbli għaliha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-partijiet jaqblu li l-perjodu ta' preskrizzjoni rigward il-kiri tal-makkinarju huwa dak imsemmi fin-noti tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

[9] Fol 95

Illi s-soċjeta` attriċi ma ressqet l-ebda prova li kien hemm xi sospensjoni, interruzzjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni u qiegħda tarġina l-pretenzjoni tagħha fuq nuqqas t'ottemperazzjoni mar-rekwiżiti tal-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-artiklu 2160 tal-Kodiċi Ċivili kien jifforma parti mill-Kodiċi kif oriġinarjament ippromulgat, u baqa' bla mittiefes għal 150 sena, sakemm fis-sena 2017 f'temp ta' xahar sofra bdil kardinali permezz ta' emenda u emenda għall-emenda. Xhieda ta' leġislazzjoni mgħaġġla mgħoddija għal kontinġenzi partikolari li fis kellha tiġi mibdula mill-ġdid u li iżda xorta waħda kkanċellat l-istitut venerabbli tal-ġurament deċiżjorju. Fl-istat verġni tiegħu l-artiklu imsemmi kien jgħid li l-preskrizzjonijiet qosra msemmija fl-istess artiklu "m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, **meta jingħata lilhom il-ġurament**, ma jistqarrux li **mhumiex debituri,** jew li **ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa**". Meta l-konvenuti jkunu l-werrieta tal-pretiż debitur, inkella b'mod ieħor ikollhom il-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħandu l-istess preskrizzjonijiet "ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li **ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata**";

Illi l-artiklu msemmi ġie emendat fl-ewwel lok bl-Att I tal-2017 li għadda mill-Kamra tad-Deputati fis-seduta numru 466 tad-9 ta' Jannar 2017 u ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Jannar 2017 u ġie jaqra hekk:

**2160.** (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, **ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa**.

(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur

jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.

(3) Meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid **tagħti raġunijiet** għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.

(4) Jekk fil-ġurament tagħha parti tgħid li hija mhijiex debitur minħabba l-mogħdija taż-żmien, din l-istqarrija għandha titqies bħala ammissjoni tad-dejn u għalhekk twaqqa' l-preskrizzjoni eċċepita."

Illi l-artiklu msemmi ġie emendat għat-tieni darba bl-Att VIII tal-2017 li għadda mill-Kamra tad-Deputati fis-seduta Numru 482 tal-14 ta' Frar 2017 u li ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fl-24 ta' Frar 2017 u fil-preżent jaqra hekk:

**2160.** (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, **ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa**.

(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l- jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il- preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.

(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156[10], meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid

[10] Il-proviso jaqra hekk: "iżda l-preskrizzjoni dwar l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (*a*) u (*ċ*), meta tali ħlasijiet ikunu dovuti lill-Gvern ta' Malta, tagħlaq bl-għeluq ta' għaxar snin."

**tagħti raġunijiet** għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.

Illi l-konvenuti jargumentaw li din il-kawża ġiet preżentata fit-13 ta' Jannar 2017 eżatti fid-data tal-promulgazzjoni tal-Att I tal-2017 u li għalhekk japplika għaliha l-Att I tal-2017 biss ad eskluzjoni tal-Att VIII tal-2017 u għalhekk huma kienu kostretti jagħtu raġunijiet għan-nuqqas ta' ħlas ta' dejn mitlub mill-attriċi. Fil-fatt Mario Murano ta raġunijiet u spjega għaliex ma kienx dovut l-ammont mitlub mill-attriċi. Il-konvenuti f'din il-kawża mxew mal-emmendi skond l-Att I tal-2017 li jgħid: *Meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.* U għalhekk ukoll meta r-rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta MDM Costruzione Generali xehed mhux biss qal li m'huwiex debitur iżda ta raġuni għaliex. Min-naħa l-oħra, l-attriċi ssostni li ż-żewġ emendi kienu ta'natura proċedurali u għalhekk daħlu fis-seħħ minnufih;

**Ikkunsidrat**

Illi fin-nota replikattiva tagħha, l-attriċi tiċċita lil din il-Qorti, diversament ippreseduta, meta għamlet distinzjoni bejn kif liġi tolqot id-dritt sostantiv u dak proċedurali. Il-Qorti qalet hekk:

"Illi jiġi rilevat li l-liġi dwar il-Kumpaniji hija, ovvjament, liġi sostantiva u mhux waħda proċedurali. Dan qed jingħad fid-dawl tal-posizzjoni li ħadet l-Onorabbli Qorti tal-Appell li applikat l-emendi introdotti għal-liġi tal-Proċedura bl-Att XXIV tal-1995, liema emendi ġew applikati għall-każijiet pendenti u anke għar-rikorsi li kienu ġew introdotti qabel ma daħlu fis-seħħ il-liġijiet il-ġodda ta' proċedura (ara, per eżempju, id-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli

Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru, 1995, fil-kawża **Razzewi vs Mifsud Bonnici**). Din il-posizzjoni ittieħdet fid-dawl tal-principji li regoli ta' proċedura huma invarjabilment regoli ta' ordni pubbliku li għandhom ikollhom effett u applikazzjoni immedjata u dan sakemm ma jkunx ġie stabbilit b'mod iehor fl-istess liġi.

"Il-prinċipju li jirregola liġi sostantiva għandu, min-naħa l-oħra, jkun oppost. Peress li tali liġi jkollha l-iskop li tirregola l-aġir tac-ċittadini fil-konfront ta' xulxin jew fil-konfront ta' Awtorita' governattiva, din m'għandhiex ikollha effett retroattiv, fis-sens li ma tistax tikkontrolla aġir li jkun gia seħħ meta saret il-liġi! Kull ċittadin għandu dritt jirregola l-aġir u l-kuntratti tiegħu a bazi tal-liġijiet viġenti u fis-seħħ metta seħħ dak l-aġir u mhux preżunt li l-Legislatur sejjer, bil-liġi li saret illum, jirregola dak li seħħ 'l bierah.

"Ovvjament, il-Legislatur jista' fil-limiti tal-poteri tiegħu, jittanta li jilleġisla anke għal dak li seħħ fil-passat, pero`, biex jagħmel dan, irid jagħmlu espressament, għax bħala regola u in principju, ir-regoli ta' natura sostantiva huma meqjusa li l-effett tagħhom ikun biss proattiv; dan in omaġġ għall-prinċipju Ruman li *lex non habet oculos retro*";[11]

Illi pero`, kif iwissi l-famuż Gabba, hemm każijiet fejn id-distinzjoni bejn liġi proċedurali u liġi sostantiva hija waħda neboluża:

*"Vero e proprio contenuto delle leggi di procedura e` il dar norma agli atti procedurali, cioe` appropriare questi atti ai vari scopi giuridici cui debbono servire, tracciarne la connessione, i requisiti, il contenuri, gli effetti. Acade pero` sovente che sia dubio il vero e proprio carattere di una legge, se procedurali o no, oppure si discuta intorno all'indole dell'efffetto di una legge*

[11] Joseph Said v Alfred Grima 12.12.2002 Prim'Awla, per Onor. Imħ. Tonio Mallia, mhux appellata

*di procedura, se sia un effeto procedurali, ovvero u diritto quesito materiale. Vi hanna infatti: I) leggi e diritti d'indole privata materiale, che a) hanno per oggetto ati procedurali; oppure b) suppongono certi atti procedurali per produrre certi loro effetti; II) leggli procedurali, che da atti procedurali fanno nascere veri diritti privati materiali; III) finalmente leggi d'indole privata materiale, che di mero fatto, e casualmente, si trovano frammiste alle vere e proprie leggi di procedura. Egli e' chiaro che tutti questi casi devono essere studosamente ed esattamente distinti, e che si devono tutti regolare con pricipii transitori affatto differenti da quelli che valgono per le vere e proprie quistioni transitorie procedurali*";[12]

Illi l-Artiklu 2160 huwa disposizzjoni ta' din ix-xorta msemmija mill-Gabba: proċedura li minnha jiddependi l-iskattar tad-dritt tal-preskrizzjoni. Id-dritt ta' preskrizzjoni qasira mhux biss jinħtieġ il-mogħdija taż-żmien imma wkoll il-ġurament tad-debitur. Huwa permezz tal-ġurament li jiġi fis-seħħ. M'huwiex għalhekk disposizzjoni ta' sempliċi proċedura iżda huwa intimament marbut mad-dritt sostanzjali. Tant li jinsab fil-kodiċi ċivili, u mhux fil-kodiċi ritwali – għalkemm xejn ma jimpedixxi lill-leġiżlatur li jdaħħal fil-kodiċi ċivili disposizzjoni purament proċedurali. It-tibdil kardinali li daħħlu ż-żewġ emendi hu li l-għoti tal-ġurament ma baqax isir mill-attur fid-diskrezzjoni tiegħu; iżda jsir – u tabilfors – mill-konvenut. Il-ġurament inbidel radikalment billi minn wieħed deċiżorju sar integrattiv tal-jedd sostantiv tal-preskrizzjonijiet estintivi qosra. Għaldaqstant din il-Qorti ma tistax taqbel mas-soċjeta` attriċi li l-Artiklu 2160 huwa norma purament proċedurali. Billi l-kawża bdiet dakinhar stess li ddaħħlet fis-seħħ l-ewwel emenda, u l-eċċezzjonijiet ingħataw ukoll waqt il-perjodu qasir li fih kienet fis-seħħ l-ewwel emenda, hija l-liġi ta' dakinhar li għandha tiġi applikata, anke wara li daħlet fis-seħħ it-tieni emenda, billi l-proċedura in kwistjoni, li kif ingħad hija integrattiva ta' jedd sostantiv, saret

[12] C.F. Gabba, ***Teoria della Retroattivita` delle Leggi***, 1889, Vol. IV, Capitolo IV, paġna 409

dritt kweżit. Għalhekk il-konvenuti sewwa għamlu meta ressqu r-raġunijiet tagħhom l-għala m'humiex debituri tas-soċjeta` attriċi, minkejja li meta xehdu, kienet daħlet fis-seħħ it-tieni emenda, li neħħiet, b'xi eċċezzjonijiet li ma jirrigwardawx din il-kawża, ir-rekwiżit tal-għoti tar-raġunijiet;

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell f'sentenza riċenti, iddeċidiet, għar-rigward tal-imsemmija żewġ emendi, li ma japplikawx għal eċċezzjoni li ġiet ippreżentata fis-sena 2012, għad li l-kawża baqgħet għaddejja wara d-dħul taż-żewġ emendi:

"Qabel ma tqis l-aggravju mressaq fir-rikors tal-appell il-qorti sejra tqis aggravju ġdid imressaq mill-attur waqt is-smigħ tal-appell, *viz.* illi meta ressaq l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni l-konvenut ma tax il-ġurament li jrid l-art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili.

"Dan l-aggravju huwa ħażin. Il-ħtieġa li min iressaq eċċezzjoni ta' preskrizzjoni jagħti wkoll il-ġurament li jrid l-art. 2160 iddaħħlet bis- saħħa ta' emendi magħmula bl-art. 4 tal-Att I tal-2017 u bl-art. 8 tal-Att VIII tal-2017. Meta l-konvenut ressaq l-eċċezzjoni fit-tweġiba tiegħu ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2012 din l-emenda ma kinitx fis-seħħ u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa tal-ġurament. Huwa minnu li l-kawża għadha ma nqatgħetx, u illi liġijiet proċedurali japplikaw minnufih, ukoll għal kawżi li jkunu nbdew qabel ma tkun saret l-emenda għal-liġi proċedurali iżda jkunu għadhom pendenti, iżda dan ma jolqotx jeddijiet sostantivi ġà miksuba, bħal ma hu l-ħelsien minn dejn li jkun ġà nkiseb meta l-liġi l-ġdida tidħol fis-seħħ. Fil-każ tallum, jekk tassew l-azzjoni tal-attur kienet waqgħet bi preskrizzjoni meta tressqet l-eċċezzjoni relativa, l-eċċezzjoni ma tintlaqatx b'emendi li jsiru wara"[13];

Illi d-differenza bejn il-kawża msemmija u dik preżenti hi li filwaqt li f'dik il-kawża l-eċċezzjoni ġiet ippreżentata qabel id-dħul tal-emendi; f'din il-kawża l-eċċezzjoni ddaħħlet wara d-dħul tal-ewwel emenda u qabel it-tieni emenda iżda r-raġunar tal-Onorabbli Qorti tal-Appell rigward id-dritt transitorju japplika *mutatis mutandis*;

[13] Sergio Manche v Carmel sive Charles Grech 05.10.2018 Qorti tal-Appell, per S.T.O. Joseph Azzopardi, Onor. Imħ. Giannino Caruana Demajo, Onor. Imħ. Noel Cuschieri

Illi wkoll kieku kellu jitqies li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet soġġetta għat-tieni emenda, xorta waħda ma jirriżultax li l-eċċipjenti m'ottemperawx ruħhom magħha minħabba li ġiebu r-raġunijiet imsemmija, filwaqt li t-tieni emenda fil-liġi neħħiet il-ħtieġa li jinġiebu r-raġunijiet. "Id-debitur… jista' liberament jispeċifika wkoll dik il-kawża (tal-estinzjoni tad-debitu), kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell in re: **Mifsud v Sultana** (Kollez. I.690); imma, intqal f'dik is-sentenza, dak li jixhed għandu jammonta għan-negazzjoni tad-debitu; u għandu jiżdied li din in-negazzjoni għandu jagħmilha fil-kliem tal-liġi – li mhux debitur – jekk irid jinnega d-debitu u ma jridx jgħid li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."[14] F'dan il-każ, il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi l-konvenut insista li jwieġeb li ma jafx li għandu jagħti – kliem li jista' jingħad biss, skond l-Artiklu 2160 stess, mill-werrieta tal-pretiż debitur oriġinali, iżda mhux mill-allegat debitur innifsu;

Illi din hija wkoll l-opinjoni tal-ġurista Giorgi, iċċitat b'approvazzjoni minn sentenza antika tal-Qrati tagħna[15]:

"*Che i termini del guramento contemplato al detto articolo 1924 non sono tali da non potere essere sostituiti da altri equipollenti, purche` non se ne cambii il senso e la sostanza: cosi` sebbene secondo il detto articolo 2142 del Codice civile italiano il giuramento decisivo in tale materia deve essere nel senso di accertare che realmente ebbe luogo l'estinzione del debito, pure il Giorgi (Teoria delle Obbligazioni Vol. VIIparagrafo 379) ritiene che il convenuto puo` nel giurare specificare in quale modo avvenne l'estinzione e che non sarebbe giustizia negargli questa facolta: "Certo egli dice, il convenuto non e'*

[14] ***Vincenzo Cauchi v Giovanni Scerri*** – 28.10.1955, Qorti tal-Kummerċ, per Imħ. Tancred Gouder Kollez. Vol. XXXIX.iii.899
[15] ***Carmela Fenech v Gio Maria Bugeja*** – 10.04.1926, Qorti tal-Appell, per Imħ. (iktar tard Prim Imħallef) Luigi Camilleri Kollez. Vol. XXVI.i.300

*obbligato per legge a specificare il modo del pagamento, ne l'attore puo` da lui pretendere che un si` o un no; ma puo il convenuto nella sua coscienza sentirne il dovere. Supponiamo infatti, che il pagamento sia avvenuto per rilascio di cambiali, oppure per compensazione gia` concordata .....se il convenuto e` scrupoloso in coscienza, non vorra` affermare nudamente che il debito fu pagato: e d'altronde il costringerlo a una secca affermazione e o negazione, sarebbe sottoporlo a una tortura; perche` negando perderebbbe la causa e pagherebbe due volte, affermando si esporrebbe a giurare il falso" e in questo senso il Coen Repertorio alla voce "Prescrizione in materia* civile" *riporta varie decisioni: si vedano fra altre i Nri 674 e 689:*

*"Che la Prima Corte, avendo voluto elicere dal convenuto un si' od un no per risposta alla domanda rivoltagli se sia debitore dell'attrici, non contenta delle dichiarazioni da lui fatte, ha rigettato l'ecezione della prescrizione data dal medesimo come insostenibile di fronte ai termini del surriferito articolo 1924;*

*"Che pero`, lo detto dichiarazioni equivalevano sostanzialmente a quella, contemplata dallo stesso articolo, di non essere debitore e cio` per difetto di obligazione: ed in vero, sebbene egli avesse persistito a rispondere di non sapere di essere debitore, pero aggiunse ancora che non aveva lasciato debiti alla sua patenza dall'Isola e che col'attrici non aveva avuto mai relazioni, il che valeva alla dichiarazione non solo della non esistenza della obligazione, in base alla quale agiva contro di lui l'attrici: ma anche della impossibilita` che tale obligazione fosse nata, e non puo` quindi dirsi che egli si fosse limitato a dichiarazioni non importanti la esclusione del debito, e che lasciavano la possibilita` che questo fosse nato a sua insaputa. Del resto nella seduta odierna chiamato dall'attrice, esso appellante ha categoricamente risposto di non essere debitore*";

Illi fil-każ odjern, b'differenza mill-każ imsemmi, l-konvenuti ċaħdu b'mod kategoriku li huma debituri u għalhekk ma jista' jkun hemm l-anqas l-iċken dubbju li mhux biss ottemperaw ruħhom bis-sħiħ kemm ma' dak li kien jitlob l-Artiklu 2160 wara l-ewwel emenda, billi ċaħdu li huma debituri u taw raġuni li mhix il-mogħdija taż-żmien; imma saħansitra wkoll dak li jitlob l-istess Artiklu illum wara t-tieni emenda li saritlu. Għalhekk it-tressiq tar-raġunijiet, anke kieku kellhom, għall-grazzja tal-argument, jiġu kkunsidrati li kienu żejda, kuntrarjament għal dak li ssostni l-attriċi, ma kellux l-effett li jġib fix-xejn l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni imressqin mill-konvenuti;

***Decide***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni abbażi tal-artiklu 2148(f) tal-Kodiċi Ċivili fir-rigward tal-kiri ta' *machine operator*; u tilqagħha rigward il-kiri ta' makkinarju.

Spejjeż riservati għas-sentenza finali.

ONOR. IMHALLEF
GRAZIO MERCIECA